

ADRIAN GRIMA

# Ġejja rivoluzzjoni



**JISTA' jidher li hemm tensjoni jew saħansitra konflitt bejn żewġ kelmiet li l-abbozz dwar il-Politika Kulturali Nazzjonali jagħtihom prominenza: l-identità (xi tip ta' essenza kulturali) u l-inklussività (dak li jrid ibiddel dik l-essenza). Interpretazzjoni iktar ħajja tal-kunċett ta' identità turi li din hi kontrapożizzjoni falza, kostruzzjoni ta' romantiċiżmu li wara 200 sena għadu mażżra marbuta ma' għonqna.**

F'dan l-abbozz hemm sforz konxju u konvinċenti biex titħaddem l-idea ta' identità dinamika jew idea dinamika tal-identità. Il-kelma "identità" u "l-varjanti" iktar imqarba tagħha "identitajiet" jidhru 12-il darba u kważi dejjem hi identità plurali, dinamika, fi proċess li ma jiqafx.

Madankollu hemm stqarrija li donnha tistona: "Il-Gvern impenja ruħu biex ikollna politika kulturali inkwadrata fil-kuntest tal-iżviluppi li sawru din l-identità nazzjonali" (enfasi miżjuda). Hemm element ta' statiċità u konklussività f'din is-silta. Forsi qed inkun fitt iżżejjed, għax fil-paġna ta' wara stess, it-test donnu jirritorna lejn konċezzjoni iktar miftuħa, iktar inklussiva.

> Nirriflettu fuq il-politika kulturali tagħna kull 10 snin u naħseb li għandna nagħmlu hekk bil-Malti ladarba hi l-lingwa li nużaw u l-lingwa nazzjonali

F'silta oħra terġa' tissemma "l-identità tan-nazzjon" fis-singular, iżda hawnhekk inħoss li l-insistenza fuq il-pluralità tan-nomi u l-aġġettivi ("drittijiet," "nies" u "l-oqsma ekonomiċi, soċjali, politiċi, spiritwali u ideoloġiċi") tittrasmetti l-idea ta' varjetà kbira fi ħdan is-singolarità ta' "nazzjon."

Barra minn hekk, id-dokument jishaq li "d-diversità li dejjem tikber tal-kulturi u l-identitajiet li jiffurmaw is-soċjetà Maltija għandha titqies bħala l-kontributur ewlieni għas-suċċess ta' Malta fl-interazzjoni ekonomika u soċjali tagħha mal-bqija tas-soċjetà globalizzata." Hemm sens ta' pluralità, għax aħna lkoll differenti, nitwieldu differenti u nibqgħu ninbidlu matul ħajjitna. Lanqas aħna ma nibqgħu l-istess.

Dan kollu jidher ovvju ħafna imma d-diskors pubbliku f'Malta dwar l-identità u l-kultura Maltija jinsisti fuq interpretazzjoni dejqa tas-seklu 19 li tidher riġida, monolitika, impossibbli u kontra l-ispirtu u l-kelma ta' dan l-abbozz. Jekk ikoll naqblu ma' din il-konċezzjoni allura lestu ruħkom: ġejja rivoluzzjoni!

## Lingwa

Inħoss li dan id-dokument, li fil-fatt ma jitkellimx wisq dwar il-lingwa, kellu jinħadem bil-Malti. Waħda mill-meravilji tal-lingwa, u kultant waħda mill-frustrazzjonijiet li tqanqal, hi li kull kelma ġġib id-dinja tagħha magħha.

L-użu tal-Malti fit-tnissil tal-ideat kien jagħmel differenza mhux żgħira: mhux biss fit-ton imma anki fit-tnissil innifsu tal-ideat. Għax jekk kollox hu diskors, jekk ir-realtà tagħna hi magħmula mill-kliem, lingwa differenti toffri realtajiet differenti. Hawn ħafna dokumenti ta' politika kulturali bl-Ingliż: tlifna opportunità tad-deheb (biex nuża klixè) biex naħsbu politika kulturali fir-realtà lingwistika u kulturali tagħna.

Qed nagħmel dan il-punt għax jinsab fil-qalba tal-kummenti tiegħi dwar 'Il-Kultura Inklussiva'. Jien qrajt il-verżjoni bil-Malti biss, b'għażla, u f'xi waqtiet ħassejtha barranija. Mhux minħabba t-traduzzjoni li saret, imma għax kellha ssir traduzzjoni. Nirriflettu fuq il-politika kulturali tagħna kull 10 snin u naħseb li għandna nagħmlu hekk bil-Malti ladarba hi l-lingwa li nużaw u l-lingwa nazzjonali.

Qed nagħmel punt kulturali, mhux nipprova nieħu kulħadd lura għall-kwistjoni tal-lingwa ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. Bħall-maġġoranza l-kbira tal-Maltin li jippreferu jużaw il-Malti, ħassejt li d-dokument hu "barrani." Naħseb li dan imur kontra l-prinċipju ta' kultura inklussiva.

## Wirt orizzontali u vertikali

Kif jgħid Amin Maalouf, il-bnedmin għandhom żewġ tipi ta' wirt: dak vertikali u dak orizzontali. Il-wirt vertikali jasal għandna mingħand l-antenati tagħna, mingħand il-komunità reliġjuża u permezz tat-tradizzjonijiet popolari; il-wirt orizzontali jaslilna mingħand in-nies u ż-żmien li nkunu qed ngħixu fih. Nemmen li dak orizzontali mhux inqas "awtentiku" mill-wirt vertikali.

Fl-istess ħin, waħda mill-affarijiet li jeħtieġ li nagħmlu b'konvinzjoni imma minnufih u bl-għodod tas-seklu 21 hi proprju li nirrikostruwixxu l-memorja/i (u l-miti) tagħna bħala Maltin, speċjalment f'oqsma li ħallejniehom biss għal ftit speċjalisti dedikati, bħall-

> Waħda mill-affarijiet li jeħtieġ li nagħmlu b'konvinzjoni imma minnufih u bl-għodod tas-seklu 21 hi proprju li nirrikostruwixxu l-memorja/i (u l-miti) tagħna bħala Maltin

qasam fundamentali tal-emigrazzjoni tal-Maltin.

Osservazzjoni tal-aħħar: il-kelma "Ewropa" jew derivati tagħha, tintuża 55 darba f'dan id-dokument.

Il-kelma "Mediterran" titfaċċa (b'mod pjuttost superfiċjali) tliet darbiet. L-impressjoni li jagħti l-abbozz hi li hemm wirt u affiljazzjonijiet li jistħoqqilhom iktar "inklużjoni" minn oħrajn. Imma wara kollox, dan hu dokument għad-diskussjoni.

*Adrian Grima hu kittieb u lecturer fl-Università ta' Malta*

# Editorjal

ILLUM, MEDIATODAY LTD, VJAL IR-RIHAN, SAN ĠWANN SGN 9016
EDITUR: JULIA FARRUGIA
Tel: (356) 21 382741-3, 21 382745-6 • Fax: (356) 21 385075
Websajt: www.illum.com.mt • Email: illum@mediatoday.com.mt




# Irridu proġetti li jgħaqqdu

Bħalissa tliet kwarti ta' Malta bid-deni tat-Tazza tad-Dinja. Anke jekk għal 30 ġurnata d-dinja għal ħafna bħal donnha tieqaf jew tillaxka quddiem is-settijiet tat-televiżjoni – dejjem, ovvjament, jekk ikollna d-dawl.

Deħlin ukoll bil-mod il-mod għal dak li l-Ingliża jsejħu s-"silly season" fejn ir-rankatura tal-ħidma politika tibda tnin bil-mod il-mod u qajla nibdew nisimgħu bi proġetti jew kritika li tagħmel ħoss.

Fost il-ġenn tat-Tazza tad-Dinja l-Gvern ħabbar id-dettalji dwar 'rigal' ġdid li se jagħti lil Malta – se jbiddel it-telqa li għal għexieren ta' snin iddendlet fuq il-White Rocks. Minflok se joħloq il-Villaġġ Sportiv. Anke jekk meta se jkun lest għadu misteru, dan il-proġett qalulna li se jara investiment ta' €200 miljun mill-privat.

Hemm il-kunsens nazzjonali li din it-tebgħa fin-naħa ta' Fuq ta' Malta tiddewwa. M'hemm l-ebda dubju li kull Malti rasu fuq għonqu jaqbel mal-kunċett li niġbdu lejn Malta faxxa ġdida ta' turiżmu – dik ta' turiżmu sportiv.

Iżda din il-gazzetta tpoġġi mill-ewwel quddiem il-Gvern sfida ċara: għidilna minn issa u b'mod trasparenti l-implikazzjonijiet kollha ta' dan il-proġett fuq art pubblika.

Dan biex għal darba jkollna proġett nazzjonali mhux imtappan bil-kritika baraxx minn dawk li ġustament ikunu jridu jgħarblu l-proċessi tal-mod kif ikunu qed isiru l-affarijiet. Ma rridux li proġett li jista' joħloq xogħol ġdid u jiġġenera l-flus fl-ekonomija tal-pajjiż ikun f'nofs skandlu ta' mistoqsijiet mhux imwieġba.

Smajna diġà li dan il-Villaġġ Sportiv se jkollu miegħu 300 unit residenzjali.

Se jkun hemm lok għal spekulazzjoni b'din l-art? X'salvagwardji se jkun hemm?

Pajjiż milqut tant bil-problema tal-obesità u tad-dijabete, se nieħdu ħsieb li dan il-villaġġ joffri servizz lill-Maltin?

U jekk iva, se jkunu prezzijiet eżorbitanti jew il-Gvern se jkun lest li jerfa' hu l-prezz għal dħul b'xejn f'ċerti ħinijiet għal dawk il-familji li jixtiequ jagħmlu użu mis-servizzi state of the art li qed jingħad li se jinħolqu?

F'Malta hawn aktar minn 30,000 persuni bid-dijabete u skont rapport ippreżentat lill-Federazzjoni Internazzjonali tad-Dijabete fl-Ewropa, qed ikun ikkalkulat li sal-2025, 12 fil-mija tal-popolazzjoni Maltija se tkun tbati mid-diabete. Li kieku kellna nikkalkulaw 12 fil-mija tal-popolazzjoni attwali, ifisser li se jkollna 48,000 persuna bid-diabete. Qisek qed tgħid in-nies kollha ta' B'Kara għal darbtejn bid-dijabete.

Il-Villaġġ Sportiv jista' jkun ta' ġid għall-poplu Malti imma jekk is-servizzi li jkunu fih ikunu jistgħu jiġu utilizzati minna lkoll billi l-Gvern jagħmel dan possibbli.